IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.1.2022
COM(2022) 4 final

2021/0438 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova

{SWD(2022) 1 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

F'dawn l-aħħar snin, ir-Repubblika tal-Moldova ffaċċjat ħafna diffikultajiet inkluż fuq il-front ekonomiku u politiku. Fl-2020, il-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll nixfa fis-sajf, kellhom effett negattiv imdaqqas fuq it-tkabbir, bil-PDG jonqos b'7 %, l-aktar reċessjoni qawwija mill-kriżi finanzjarja globali. It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku ġie aggravat minn kriżi politika mtawla li segwiet l-elezzjonijiet presidenzjali f'Novembru 2020, li finalment ġiet solvuta mill-elezzjonijiet parlamentari f'Lulju 2021. Minn Awwissu 'l hawn, meta l-gvern il-ġdid u orjentat lejn ir-riforma beda l-mandat tiegħu, il-forzi politiċi kollha fil-Moldova (inklużi l-President, il-Gvern u l-Parlament) huma allinjati, u jappoġġaw aġenda ta' riforma ambizzjuża komuni, b'enfasi fuq oqsma ta' politika ewlenin bħar-riformi tas-settur tal-ġustizzja, il-governanza tajba u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Madankollu, minkejja l-momentum politiku mġedded u l-impenn qawwi għall-implimentazzjoni tar-riformi, il-Moldova għadha qed tiffaċċja sfidi sinifikanti, inklużi l-governanza, il-korruzzjoni, il-kapaċità amministrattiva limitata, u kriżi reċenti tal-enerġija, li kompliet iddgħajjef l-istabbiltà ekonomika tal-Moldova u poġġiet lill-pajjiż fi proċess ta' negozjati diffiċili ma' Gazprom (ġie ffirmat ftehim ġdid dwar il-provvista tal-gass fid-29 ta' Ottubru).

F'dan il-kuntest u minħabba l-ħtiġijiet finanzjarji mdaqqsa kontinwi tal-Moldova, bid-distakk fil-finanzjament estern stmat għal 1,2 % tal-PDG fl-2022, il-gvern tal-Moldova talab MFA ġdida mill-UE fid-19 ta' Novembru 2021, wara ftehim dwar il-livell tal-persunal tal-FMI (imħabbar fil-21 ta' Ottubru 2021) dwar Faċilità ta' Kreditu Estiża/Faċilità ta' Fond Estiża ta' tliet snin ta' USD 564 miljun.

Fl-isfond tal-istabbiltà politika mġedda u wara valutazzjoni fil-fond tas-sitwazzjoni politika u ekonomika fil-Moldova, il-Kummissjoni qed tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta biex tipprovdi MFA ġdida ta' EUR 150 miljun għall-benefiċċju tar-Repubblika tal-Moldova, li minnhom EUR 120 miljun ikunu fil-forma ta' self u EUR 30 miljun fil-forma ta' għotjiet.

L-MFA proposta tgħin lill-Moldova tkopri parti mill-ħtiġijiet finanzjarji esterni residwi tagħha, li huma stmati għal USD 480 miljun, fil-kuntest tal-programm il-ġdid tal-FMI matul il-perjodu 2021-2025.

L-iżborż isir fi tliet porzjonijiet, bir-rilaxx ta' kull segment, inkluż l-ewwel wieħed, strettament marbut ma' progress tajjeb fl-implimentazzjoni kemm tal-programm tal-FMI kif ukoll għadd ta' miżuri ta' politika addizzjonali li għandhom jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet u elenkati f'Memorandum ta' Qbil (MtQ). Il-MtQ x'aktarx li jiffoka fuq riformi ta' politika li jindirizzaw l-irkupru tal-assi marbuta mal-frodi bankarja tal-2014, ir-riformi kontinwi tal-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi (ĠFP), ir-riforma tas-settur tal-ġustizzja, is-settur tal-enerġija kif ukoll l-ambjent tan-negozju b'mod ġenerali. L-implimentazzjoni tal-operazzjoni proposta hija mistennija li timxi id f'id mal-appoġġ taħt operazzjonijiet baġitarji ffinanzjati mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI).

Kif elaborat ulterjorment fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja din il-proposta, il-Kummissjoni tqis, fuq il-bażi wkoll tal-valutazzjoni tal-qagħda politika magħmula mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, li l-prerekwiżiti

politiċi u ekonomiċi għal operazzjoni tal-MFA bl-ammont propost u ta' din in-natura huma ssodisfati.

- **Kuntest Ġenerali**

Minkejja rkupru notevoli wara r-reċessjoni severa tal-2020, il-perspettiva makroekonomika tal-Moldova għadha vulnerabbli. Dan huwa parzjalment dovut għas-sitwazzjoni diffiċili tal-pandemija li għaddejja bħalissa (bl-għadd ta' każijiet tal-COVID-19 jiżdied u rata ta' tilqim relattivament baxxa taħt it-30 % sal-bidu ta' Diċembru 2021), kif ukoll il-kriżi tal-gass reċenti li poġġiet lill-Moldova taħt pressjoni finanzjarja addizzjonali. Dan huwa apparti dgħufijiet strutturali sinifikanti, b'mod partikolari kapaċità amministrattiva limitata, ħtieġa ulterjuri li tittejjeb il-governanza kif ukoll il-ġlieda li għaddejja kontra l-korruzzjoni.

Wara tnaqqis qawwi fl-2020, ikkawżat mill-pandemija, l-ekonomija mmarkat irkupru konsiderevoli fl-ewwel nofs tal-2021 bil-PDG jiżdied b'11,5 %, madankollu, ħafna minnu minħabba l-bażi baxxa. It-tkabbir huwa proġettat li jonqos fit-tieni nofs tas-sena, b'inflazzjoni ogħla u tnaqqis fil-konsum domestiku. F'dan l-isfond, l-FMI u l-Bank Dinji jassumu rkupru globali ta' madwar 7 % għal din is-sena kollha, u tnaqqis fis-sena d-dieħla għal 4,5 % tal-PDG.

Wara d-diżinflazzjoni sinifikanti s-sena l-oħra, l-inflazzjoni kif imkejla mill-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (CPI) żdiedet b'mod qawwi fl-2021, sa 8,8 % f'Ottubru, u qabżet b'mod sinifikanti r-rata fil-mira stabbilita mill-Bank Nazzjonali tal-Moldova (NBM) għal 5 % ± 1.5 pps. Ħafna minn dan jista' jkun dovut għaż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel kif ukoll tariffi ogħla tal-enerġija. B'reazzjoni għall-pressjoni inflazzjonarja għolja, il-bank ċentrali żied ir-rata tal-politika tiegħu diversi drabi din is-sena, li kienet ta' 5,5 % f'Ottubru. In-NBM jipproġetta inflazzjoni b'żewġ ċifri fl-ewwel nofs tal-2022, sa 15 %, li ftit minnha hija preżunta li hija ta' natura tranżitorja, iżda tista' twassal ukoll għal aktar issikkar monetarju.

Wara l-perspettiva ta' tkabbir imtejjeb u dħul ogħla mit-taxxa, f'Settembru, il-gvern emenda l-Liġi tal-Baġit tal-Istat, u pproġetta defiċit aktar baxx milli kien previst fil-bidu, ta' 5,1 % tal-PDG meta mqabbel ma' 6,7 % tal-PDG fil-bidu tal-2021. Madankollu, minħabba l-kriżi tal-enerġija li għaddejja bħalissa u bl-awtoritajiet li qed jippjanaw li jintroduċu miżuri ġodda ta' kumpens biex jipproteġu l-aktar konsumaturi vulnerabbli, il-pożizzjoni fiskali tal-Moldova hija prevista li tiddeterjora s-sena d-dieħla. Skont il-Baġit tal-Istat tal-2022, ippreżentat lill-Parlament fil-25 ta' Novembru, id-defiċit baġitarju se jiżdied għal 6 % tal-PDG is-sena d-dieħla, għoli meta mqabbel mal-medji storiċi tal-Moldova, b'inqas minn 2 % tal-PDG fl-2015-2019. L-infiq huwa previst li jiżdied b' 7,6 biljun lei, meta mqabbel ma' żieda fid-dħul ta' 4,2 biljun lei, appoġġata minn ġbir ogħla tal-VAT.

Minħabba ż-żieda fl-infiq u minkejja l-assistenza addizzjonali mis-sħab internazzjonali tagħha biex jittaffew l-effetti taż-żieda fil-prezz tal-enerġija, id-dejn pubbliku tal-Moldova huwa pprojettat li jikber b'mod pjuttost konsiderevoli, b'aktar minn 40 % tal-PDG fit-terminu medju, meta mqabbel ma' madwar 28 % tal-PDG fl-2019, qabel ir-reċessjoni kkawżata mill-pandemija u l-kriżi tal-gass.

Id-defiċit tal-kont kurrenti, wara li naqas fl-2020 għal 6,6 % tal-PDG, żdied fl-ewwel nofs tal-2021 għal 14 % tal-PDG sena wara sena, u poġġa pressjoni mill-ġdid fuq il-bilanċ tal-pagamenti tal-Moldova. Skont il-previżjonijiet tal-FMI, id-defiċit tal-kont kurrenti se jilħaq USD 1,5 biljun sal-aħħar ta' din is-sena (madwar 11 % tal-PDG), żieda ta' kważi darbtejn meta mqabbel mas-sena l-oħra. Ħafna minn dan jista' jkun dovut għaż-żieda sinifikanti kemm fl-importazzjonijiet kif ukoll fl-esportazzjonijiet fl-2021. Bejn Jannar-Settembru, l-esportazzjonijiet żdiedu b' 21,1 % meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2020, iżda nqabżu bi tkabbir ta' 31,7 % fl-importazzjonijiet.

Ir-riżervi tal-kambju tal-Moldova kienu stabbli matul il-pandemija fl-2020, u żdiedu fl-2021, u baqgħu għoljin meta mqabbla mal-istandards storiċi, għal USD 4 biljun sa tmiem Settembru. Dan jissarraf f'kopertura ta' 8 xhur ta' importazzjonijiet, u fil-biċċa l-kbira jirrifletti l-allokazzjoni tad-Drittijiet Speċjali ta' Prelevament (SDR) mill-FMI f'Awwissu ta' USD 236 miljun, li kienu parti mir-rispons globali tal-Fond għall-kriżi tal-COVID-19.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Id-Deċiżjoni Nru 701/2020/UE dwar il-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (bħala parti mill-pakkett MFA lill-pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19) fl-ammont ta' EUR 100 miljun f'self ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-25 ta' Mejju 2020. L-assistenza tħallset totalment fl-2020-2021.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-UE u r-Repubblika tal-Moldova żviluppaw relazzjoni politika u ekonomika mill-qrib matul is-snin, li wasslet għall-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (inkluż id-DCFTA), li ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ bis-sħiħ fl-1 ta' Lulju 2016, u Aġenda ta' Assoċjazzjoni li tistabbilixxi l-lista ta' prijoritajiet għal ħidma konġunta. L-aħħar Aġenda ta' Assoċjazzjoni għall-2017-2019 ġiet estiża fuq perjodu ta' sena (minħabba l-pandemija s-sena l-oħra), filwaqt li qed jitħejja dokument ġdid, li jkopri l-perjodu 2021-2027.

Ir-rabtiet ekonomiċi tal-Moldova mal-UE huma wkoll żviluppati sew. L-UE għadha l-akbar sieħba kummerċjali tal-Moldova, li tirrappreżenta 52 % tal-kummerċ totali tagħha fl-2020 (madwar 67 % tal-esportazzjonijiet totali u 45 % tal-importazzjonijiet totali tal-Moldova), segwita mir-Russja (9 %) u ċ-Ċina (8 %).

Pajjiżi li huma koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat huma eleġibbli għall-assistenza makrofinanzjarja (jekk jissodisfaw kundizzjonijiet differenti). L-MFA tal-UE tkun tikkomplimenta l-għotjiet mobilizzati taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (NDICI) u programmi oħrajn tal-UE, u b'mod partikolari l-kundizzjonalitajiet previsti taħt il-pakketti ta' appoġġ baġitarju li qed jiġu implimentati mill-UE. Billi tappoġġa l-adozzjoni mill-awtoritajiet Moldovani ta' qafas xieraq għall-politika makroekonomika u r-riformi strutturali, l-MFA tal-UE ttejjeb il-valur miżjud u l-effettività tal-interventi finanzjarji ġenerali tal-UE, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji oħra.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 212 tat-TFUE.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rrispettat peress li l-objettivi tar-restawr tal-istabbiltà makroekonomika għal perjodu ta' żmien qasir fir-Repubblika tal-Moldova ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea. Ir-raġunijiet ewlenin huma r-restrizzjonijiet baġitarji ffaċċjati fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni b'saħħitha tad-donaturi sabiex l-iskala u l-effikaċja tal-assistenza jiġu massimizzati kemm jista' jkun.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità: hija tillimita ruħha għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-istabbiltà makroekonomika fil-perjodu qasir taż-żmien u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak l-iskop.

Kif identifikat mill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-istimi tal-FMI fil-kuntest tal-Faċilità ta' Fond Estiża futura, l-ammont tal-MFA propost ġdid jikkorrispondi għal 36 % tad-diskrepanza ta' finanzjament residwu għall-perjodu 2021-2025. Dan huwa konsistenti mal-prattiki standard dwar il-qsim tal-piżijiet għall-operazzjonijiet tal-MFA (għal pajjiż bi Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-limitu massimu jkun ta' 60 % skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tat-8 ta' Ottubru 2002), filwaqt li titqies l-assistenza mwiegħda lill-Moldova minn donaturi bilaterali u multilaterali oħra.

- **L-għażla tal-istrument**

Il-finanzjament jew l-assistenza teknika għall-proġetti mhux se jkunu adattati jew suffiċjenti biex jindirizzaw l-objettivi makroekonomiċi. Il-valur miżjud ewlieni tal-MFA, meta mqabbel ma' strumenti oħrajn tal-UE, huwa li din l-assistenza ttaffi r-restrizzjoni finanzjarja esterna u tgħin sabiex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi tippromwovi bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali. Billi tgħin biex jiġi stabbilit qafas ta' politika ġenerali xieraq, l-MFA tista' żżid l-effikaċja tal-azzjonijiet iffinanzjati fil-Moldova permezz ta' strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE aktar iffukati.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-MFA qed tingħata bħala parti integrali mill-appoġġ internazzjonali għall-istabbilizzazzjoni ekonomika tar-Repubblika tal-Moldova. Fit-tħejjija ta' din il-proposta għall-MFA, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw mal-FMI u mal-Bank Dinji, li diġà waqqfu programmi ta' finanzjament konsiderevoli u qed iħejju oħrajn ġodda. Il-Kummissjoni kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Supplenti fil-25 ta' Novembru 2021, u hemm rċeviet approvazzjoni għall-proposta. Il-Kummissjoni kienet ukoll f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet Moldovani.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju, fil-kuntest tal-pakkett ta' MFA tal-COVID-19, is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu Valutazzjoni Operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u amministrattivi tal-Moldova biex jiżguraw li l-proċeduri stabbiliti għall-ġestjoni tal-programm, inkluża l-assistenza makrofinanzjarja, jipprovdu garanziji adegwati. Ir-rapport finali tal-Valutazzjoni Operazzjonali, imħejji minn kumpanija ta' konsulenza, wasal f'Ġunju 2020. Ir-rapport jinnota progress ċar fis-sistemi tal-ĠFP u ċirkwiti finanzjarji oħra mill-2015 meta sar l-aħħar eżerċizzju u jikkonkludi li l-istatus taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri tal-Moldova huwa meqjus favorevoli għal operazzjoni sussegwenti tal-MFA. L-iżviluppi f'dan il-qasam se jibqgħu jiġu sorveljati mill-qrib kif ukoll permezz ta' rapporti tal-progress regolari dwar riformi tal-ĠFP magħmula mid-Delegazzjoni tal-UE f'Chisinau.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-assistenza makrofinanzjarja tal-UE hija strument ta' emerġenza eċċezzjonali li jindirizza diffikultajiet kritiċi għall-pagament tal-bilanċ f'pajjiżi terzi. Għalhekk, din il-proposta dwar l-MFA hija eżentata mir-rekwiżit li titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt skont il-Linji Gwida għal

Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni (SWD(2015)111 final) peress li hemm l-eżiġenza politika li jsir progress malajr f'sitwazzjoni li tkun teħtieġ reazzjoni rapida.

B'mod aktar ġenerali, il-proposti tal-MFA tal-Kummissjoni jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda minn evalwazzjonijiet ex-post imwettqa fuq operazzjonijiet tal-passat fil-viċinat tal-UE. L-MFA il-ġdida u l-programm ta' riformi u aġġustamenti ekonomiċi assoċjati magħha għandhom jgħinu sabiex jittaffew il-ħtiġijiet finanzjarji tal-Moldova għal terminu ta' żmien qasir, filwaqt li jappoġġaw il-miżuri ta' politika maħsuba biex isaħħu l-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjonijiet fiskali, u biex jiżdied it-tkabbir sostenibbli, biex b'hekk jikkomplimenta l-programm li għandu jiġi adottat mill-Bord Eżekuttiv tal-FMI. Dawn il-kundizzjonijiet ta' politika għandhom jindirizzaw xi wħud mid-dgħufijiet fundamentali murija matul is-snin mill-ekonomija Moldovana u mis-sistema tal-governanza ekonomika. L-oqsma possibbli tal-kundizzjonalità fil-prinċipju jistgħu jinkludu riformi biex tissaħħaħ il-governanza fis-settur finanzjarju, il-ĠFP, ir-riformi tas-settur tal-enerġija, u miżuri ta' akkumpanjament sabiex tissaħħaħ is-sistema ta' protezzjoni soċjali, it-titjib tal-klima ta' investiment u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim tad-DCFTA.

- **Drittijiet fundamentali**

Pajjiżi li huma koperti mill-PEV huma eleġibbli għall-MFA. Prekundizzjoni għall-għoti tal-MFA hija li l-pajjiż eliġibbli jirrispetta mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti u l-istat tad-dritt, u jiggarantixxi r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.

L-impenn imġedded għar-riformi u r-rieda politika qawwija mill-awtoritajiet Moldovani l-ġodda, wara l-elezzjonijiet f'Lulju, fl-oqsma ewlenin tar-riforma inklużi r-riformi fis-settur tal-ġustizzja, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni huwa sinjal pożittiv ċar. L-awtoritajiet huma impenjati li jwettqu dawn ir-riformi b'mod trasparenti u f'konformità mal-istandards tal-UE. Għal dak il-għan, il-prekundizzjoni politika għal programm ta' MFA hija meqjusa bħala ssodisfata.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

L-operazzjoni tal-MFA proposta ta' EUR 150 miljun għall-Moldova hija prevista li titħallas fi tliet porzjonijiet indaqs li għandhom jiġu rilaxxati bejn l-2022 u l-2024. L-ipprogrammar finanzjarju matul il-perjodu 2022-2024 jippermetti li komponent ta' għotja ta' EUR 30 miljun jiġi ffinanzjat mill-baġit disponibbli fuq il-linja baġitarja 14 20 03 01 "Assistenza makrofinanzjarja (MFA) - għotjiet". Għall-komponent tas-self ta' EUR 120 miljun, il-proviżjonament meħtieġ b'rata ta' 9 % tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna se jiġi pprogrammat taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), għal ammont totali ta' EUR 10,8 miljun (il-linja baġitarja 14 02 01 70 "NDICI - Proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni").

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Unjoni Ewropea għandha tagħmel l-MFA disponibbli għall-Moldova għal ammont totali ta' EUR 150 miljun, ipprovdut fil-forma ta' self fuq terminu medju sa twil kif ukoll inkluż komponent ta' għotja, li se jikkontribwixxi biex ikopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament residwi tal-Moldova fl-2022-24. L-assistenza hija ppjanata li tiġi żborżata fi tliet pagamenti parzjali,

żborżati b’mod ugwali matul id-durata tal-MFA, dment li l-miżuri ta’ politika marbuta ma’ kull segment ikunu ġew implimentati bis-sħiħ fil-ħin.

L-assistenza se tkun ġestita mill-Kummissjoni. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet l-oħrajn, b’mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Moldova se jaqblu dwar Memorandum ta’ Qbil li jistipula l-miżuri ta’ riforma strutturali assoċjati mal-operazzjoni tal-MFA proposta, inklużi aspetti ta’ żmien u sekwenzjar. Barra minn hekk, kif normalment jiġri fil-każ tal-MFA, l-iżborżi jkunu fost l-oħrajn kundizzjonali fuq rieżamijiet sodisfaċenti skont il-programm tal-FMI, kif ukoll fuq il-progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova u d-DCFTA. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet biex timmonitorja l-progress fl-azzjonijiet ta’ politika u l-prekundizzjonijiet, kif speċifikat hawn fuq.

2021/0438 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

(1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea (“l-Unjoni”) u r-Repubblika tal-Moldova ("il-Moldova") qegħdin ikomplu jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u s-Sħubija tal-Lvant. Il-Moldova ssieħbet fis-Sħubija tal-Lvant tal-Unjoni fl-2009 li kienet segwita minn negozjati ta’ Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova. Dan il-Ftehim, li jinkludi l-introduzzjoni gradwali ta’ żona ta’ kummerċ ħieles approfondita u komprensiva (DCFTA), ġie ffirmat f’Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2016.

(2) L-ekonomija tal-Moldova ġiet affettwata b’mod sinifikanti mir-reċessjoni tal-2020 ikkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, l-istaġnar politiku mtawwal fil-pajjiż wara l-elezzjonijiet Presidenzjali f’Novembru 2020, kif ukoll il-kriżi reċenti tal-enerġija. Is-sitwazzjoni kkontribwixxiet għad-diskrepanza mdaqqsa fil-finanzjament tal-Moldova, il-pożizzjoni esterna li qed tiddeterjora, u l-ħtiġijiet fiskali li qed jiżdiedu.

(3) Wara l-elezzjoni f’Lulju 2021, il-gvern il-ġdid tal-Moldova wera impenn qawwi għal aktar riformi, bi programm ambizzjuż “Il-Moldova fi żminijiet tajbin 2021-2025”, li jiffoka fuq oqsma ta’ politika ewlenin inkluż, fost l-oħrajn, riformi fis-settur tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt.

(4) Bl-impenn imġedded għar-riformi u r-rieda politika qawwija, l-awtoritajiet aċċeleraw b’mod sinifikanti l-implimentazzjoni tar-riformi, li ppermetta wkoll lill-Moldova tlesti b’suċċess l-operazzjoni tal-MFA tal-COVID-19[1], peress li l-azzjonijiet ta’ riforma kollha miftiehma mal-Unjoni fil-Memorandum ta’ Qbil kienu ġew issodisfati, bl-eċċezzjoni ta’ azzjoni waħda - dwar l-irkupru tal-assi - li għaliha ngħatat eżenzjoni. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kumitat tal-Istati Membri, u ma rċeviet l-ebda oġġezzjoni.

(5) Wara li l-adozzjoni ta’ programm ġdid tal-FMI, innegozjat fl-2020, kienet waqfet, il-Fond Monetarju Internazzjonali (“FMI”) reġa’ impenja ruħu mal-Moldova wara l-elezzjonijiet ta’ Lulju 2021 u laħaq ftehim fil-livell tal-persunal (il-21 ta’ Ottubru

[1] Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Mejju 2020 dwar il-forniment ta’ assistenza makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, ĠU L 165, 27.5.2020, p. 31-37.

2021) dwar programm ta' Faċilità ta' Kreditu Estiż/Faċilità ta' Fond Estiża ta' USD 564 miljun. Il-programm il-ġdid ġie adottat bid-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-FMI [fl-20 ta' Diċembru 2021]. Il-programm għandu l-għan li jsostni l-irkupru ekonomiku u jniedi aġenda ambizzjuża ta' governanza u riformi istituzzjonali, isaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà, itejjeb il-prevedibbiltà tal-politika pubblika, isaħħaħ l-istituzzjonijiet finanzjarji u jrawwem id-deregolamentazzjoni.

(6) Fid-dawl tad-deterjorazzjoni fis-sitwazzjoni u l-prospetti ekonomiċi, il-Moldova talbet assistenza makrofinanzjarja kumplimentari mill-Unjoni f'Novembru 2021.

(7) L-allokazzjoni indikattiva tal-Unjoni lill-Moldova skont l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV) hija ta' EUR 518,15 miljun għall-perjodu 2014-2020, inkluż l-appoġġ baġitarju u l-assistenza teknika. L-Oqfsa ta' Appoġġ Uniku għall-2014-2017 u l-2017-2020 identifikaw is-settur prijoritarju għall-kooperazzjoni mal-Moldova ffinanzjat mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat għall-perjodu baġitarju preċedenti. Il-prijoritajiet għall-2021-2027 se jiġu stabbiliti fil-Programm Indikattiv Pluriennali l-ġdid, li tħejja f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

(8) Minħabba li l-Moldova hija pajjiż kopert mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, jenħtieġ li titqies bħala eliġibbli biex tirċievi l-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni.

(9) L-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni għandha tkun strument finanzjarju eċċezzjonali ta' appoġġ mingħajr irbit u mhux speċifikat għall-bilanċ tal-pagamenti, bl-għan li tindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji esterni immedjati tal-benefiċjarju u għandha tirfed l-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri qawwija ta' riforma strutturali u ta' aġġustament immedjat maħsuba biex itejbu l-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti fuq perjodu ta' żmien qasir.

(10) Minħabba li għad hemm diskrepanza sinifikanti fil-finanzjament estern residwu tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Moldova lil hinn mir-riżorsi pprovduti mill-FMI u minn istituzzjonijiet multilaterali oħrajn, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni li għandha tingħata lill-Moldova, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali qed titqies bħala tweġiba xierqa għat-talba tal-Moldova li tiġi appoġġata l-istabilizzazzjoni ekonomika flimkien mal-programm tal-FMI. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tgħin lill-istabbilizzazzjoni ekonomika u lill-aġenda ta' riforma strutturali tal-Moldova, filwaqt li tissupplimenta r-riżorsi magħmula disponibbli taħt l-arranġament finanzjarju tal-FMI.

(11) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jkollha l-għan li tappoġġa l-ħolqien mill-ġdid ta' sitwazzjoni finanzjarja esterna sostenibbli għall-Moldova, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħha.

(12) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija mistennija li timxi id f'id mal-implimentazzjoni tal-iżborżi tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].

(13) Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija bbażata fuq valutazzjoni kwantitattiva kompleta tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwu tal-Moldova, u tqis il-kapaċità tagħha ta' awtofinanzjament bir-riżorsi proprji, partikolarment ir-riżervi internazzjonali għad-dispożizzjoni tagħha. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tikkomplimenta l-programmi u r-riżorsi

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

pprovduti mill-FMI u l-Bank Dinji. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza tqis ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija mingħand donaturi multilaterali u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ġusta tal-piż bejn l-Unjoni u donaturi oħrajn, kif ukoll l-implimentazzjoni diġà eżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament esterni l-oħrajn tal-Unjoni fil-Moldova u l-valur miżjud tal-involviment ġenerali tal-Unjoni.

(14) B'kont meħud tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwi tal-Moldova, il-livell tal-iżvilupp ekonomiku tagħha, kif imkejjel skont id-dħul per capita u l-indiċijiet tal-faqar, il-kapaċità tagħha ta' awtofinanzjament bir-riżorsi proprji, partikolarment ir-riservi internazzjonali għad-dispożizzjoni tagħha, u l-valutazzjoni tal-kapaċità tagħha li tħallas lura bbażata fuq analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn, parti mill-assistenza għandha tingħata fil-forma ta' għotjiet.

(15) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-prinċipji, l-objettivi u l-miżuri ewlenin meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u ta' linji ta' politika oħrajn rilevanti tal-Unjoni.

(16) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tappoġġa l-politika esterna tal-Unjoni rigward il-Moldova. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jaħdmu mill-qrib matul l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja kollha bil-għan li jikkoordinaw il-politika esterna tal-Unjoni u li jiggarantixxu l-konsistenza tagħha.

(17) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tappoġġa l-impenn tal-Moldova fir-rigward tal-valuri kondiviżi mal-Unjoni, fosthom id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll l-impenn tagħha lejn il-prinċipji ta' kummerċ miftuħ, ibbażat fuq regoli, u ġust.

(18) Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun li l-Moldova tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi - inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti - u l-istat tad-dritt, u tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, l-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu li jssaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Moldova, u għandhom jipromwovu r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tal-impjiegi diċenti u l-konsolidazzjoni fiskali. Kemm it-twettiq tal-prekundizzjonijiet kif ukoll il-kisba ta' dawk l-objettivi għandhom jiġu ssorveljati regolarment mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

(19) Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effikaċi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Moldova għandha tadotta l-miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra marbuta ma' din l-assistenza, u l-ġlieda kontrihom. Barra minn hekk, għandu jiġi previst li l-Kummissjoni twettaq verifiki u li l-Qorti tal-Awdituri twettaq il-kontrolli kontabilistiċi.

(20) Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bħala awtorità baġitarja.

(21) L-ammonti ta' assistenza makrofinanzjarja mogħtija fil-forma ta' għotjiet u l-ammonti tal-allokazzjonijiet meħtieġa għal assistenza makrofinanzjarja fil-forma ta' self għandhom ikunu konsistenti mal-approprazzjonijiet baġitarji previsti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

(22) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tinfurmahom regolarment bl-iżviluppi marbutin mal-assistenza u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.

(23) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Jeħtieġ li dawn is-setgħat jitħaddmu skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

(24) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta' politika ekonomika, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tinnegozja dawn il-kundizzjonijiet mal-awtoritajiet Moldovani taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Skont dan ir-Regolament, bħala regola ġenerali għandha tapplika l-proċedura konsultattiva fil-każijiet kollha ħlief kif previst f'dan ir-Regolament. Meta jiġi kkunsidrat l-impatt potenzjalment sinifikanti tal-assistenza ta' aktar minn EUR 90 miljun, huwa xieraq li l-proċedura ta' eżami tintuża għal operazzjonijiet li jeċċedu dak il-limitu. Meta jitqies l-ammont ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Moldova, il-proċedura ta' eżami għandha tapplika għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil, u għal kwalunkwe tnaqqis, suspensjoni jew tħassir tal-assistenza,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tagħmel assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 150 miljun disponibbli għall-Moldova ("l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni"), bil-ħsieb li tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Moldova u aġenda ta' riforma sostantiva. Minn dak l-ammont massimu, sa EUR 120 miljun għandhom jingħataw bħala self u sa EUR 30 miljun għandhom jingħataw bħala għotjiet. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa soġġett fuq l-approvazzjoni tal-Baġit tal-Unjoni għas-sena rilevanti mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. L-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-Moldova għall-bilanċ tal-pagamenti kif inhuma identifikati fil-programm tal-FMI.

2. Sabiex jiġi ffinanzjat il-komponent tas-self tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandu jkollha s-setgħa li tissellef il-fondi neċessarji fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji, biex imbagħad tislef min-naħa tagħha l-fondi mislufa lill-Moldova. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.

3. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jiġi ġestit mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew l-arranġamenti milħuqa bejn il-Fond Monetarju Internazzjonali (l-FMI) u l-Moldova u mal-prinċipji u l-objettivi prinċipali tar-riformi ekonomiċi stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova, inkluż id-DCFTA, miftiehma skont il-Politika Ewropea tal-Viċinat.

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi fir-rigward tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inklużi l-iżborżi tagħha, u għandha tipprovdi lil dawk l-istituzzjonijiet bid-dokumenti rilevanti fi żmien xieraq.

4. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli għal perjodu ta' sentejn u nofs, li jibda mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3(1).

5. Fejn il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Moldova jonqsu b'mod fundamentali matul il-perjodu tal-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni meta mqabbla mal-projezzjonijiet inizjali, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tnaqqas l-ammont tal-assistenza jew tissospendiha jew tħassarha.

Artikolu 2

1. Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun li l-Moldova tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi - inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti - u l-istat tad-dritt, u tiggarantixxi r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.

2. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw li din il-prekundizzjoni tiġi ssodisfata matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu applikati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE[4].

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tilħaq ftehim mal-awtoritajiet Moldovani dwar politika ekonomika u kundizzjonijiet finanzjarji definiti b'mod ċar, ikkonċentrati fuq riformi strutturali u finanzi pubbliċi sodi, li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għalihom, li għandhom jitniżżlu f'Memorandum ta' Qbil ("il-Memorandum ta' Qbil") li għandu jinkludi perijodu taż-żmien għat-twettiq ta' dawk il-kundizzjonijiet. Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew qbil imsemmija fl-Artikolu 1(3), inklużi l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku u ta' riforma strutturali implimentati mill-Moldova bl-appoġġ tal-FMI.

2. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw, b'mod partikolari, li jtejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Moldova, inkluż għall-użu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Il-progress rigward il-ftuħ reċiproku tas-swieq, l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni għandhom ukoll jitqiesu b'mod debitu fit-tfassil tal-miżuri ta' politika. Il-progress fil-ksib ta' dawn l-objettivi għandu jiġi mmonitorjat regolarment mill-Kummissjoni.

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

3. It-termini finanzjarji ddettaljati tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-Ftehim tal-Għotja u fil-Ftehim tas-Self li għandhom jiġu miftehma bejn il-Kummissjoni u l-Moldova.

4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4(3) jibqgħu jiġu ssodisfati, inkluż jekk il-linji ta' politika ekonomika tal-Moldova jkunux f'konformità mal-objettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Għal din il-verifika, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji u, fejn ikun meħtieġ, mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Artikolu 4

1. Soġġett għall-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni f'żewġ pagamenti parzjali, u kull wieħed minnhom għandu jkun jikkonsisti f'element ta' għoti u element ta' self. Id-daqs ta' kull ħlas parzjali għandu jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3.

2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni mogħtija f'forma ta' self għandhom jiġu pprovduti, fejn meħtieġ, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-iżborż tal-ħlasijiet parzjali soġġetti għat-twettiq tal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prekundizzjoni stipulata fl-Artikolu 2;

(b) rekord sodisfaċenti kontinwu fl-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri ta' aġġustament u ta' riforma strutturali b'saħħithom appoġġati minn arranġament ta' kreditu mill-FMI mhux prekawzjonarju;

(c) l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-politika ekonomika u tal-kundizzjonijiet finanzjarji miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil.

Ir-rilaxx tat-tieni ħlas parzjali m'għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara r-rilaxx tal-ewwel ħlas parzjali. L-iżborż tat-tielet ħlas parzjali m'għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara li jsir it-tieni ħlas parzjali.

4. Meta l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3 ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni temporanjament tissospendi jew tħassar l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. F'tali każijiet, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għal din is-sospensjoni jew it-tħassir.

5. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi żborzata lill-Bank Nazzjonali tal-Moldova. Soġġetti għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti lill-Ministeru tal-Finanzi Moldovan bħala l-benefiċjarju aħħari.

Artikolu 5

1. L-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self marbutin mal-komponent ta' self tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isiru fil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur u m'għandhomx jinvolvu lill-Unjoni fit-trasformazzjoni tal-

maturitajiet, jew jesponuha għal kwalunkwe riskju marbut mar-rata tal-kambju jew mar-rata tal-imgħax, jew għal kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.

2. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu, u jekk il-Moldova titlob dan, il-Kummissjoni tista' tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li tiddaħħal klawżola dwar ir-rimborż bikri fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-self u li din tkun appoġġata minn klawżola korrispondenti fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self.

3. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self u jekk il-Moldova titlob dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffinanzja mill-ġdid it-teħid b'self inizjali kollu jew parti minnu jew tista' tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid jew ta' ristrutturar għandhom isiru f'konformità mal-paragrafi 1 u 4 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità tat-teħid ta' self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont ta' kapital pendenti fid-data tal-finanzjament mill-ġdid jew tar-ristrutturar.

4. Il-kostijiet kollha mġarrba mill-Unjoni li huma marbutin mal-operazzjonijiet tal-għoti jew ta' teħid b'self skont din id-Deċiżjoni, għandhom jitħallsu mill-Moldova.

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 6

1. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1046/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

2. L-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun taħt ġestjoni diretta.

3. Il-Ftehim tas-Self u l-Ftehim ta' Għotjali jridu jiġu miftiehma mal-awtoritajiet Moldovani għandu jkun fihom dispożizzjonijiet:

(a) li jiżguraw li l-Moldova tivverifika regolarment li l-finanzjament ipprovdut mill-baġit tal-Unjoni jkun intuża kif suppost, li din tieħu miżuri xierqa biex tipprevjeni l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, tieħu azzjoni legali biex tirkupra kwalunkwe fondi pprovduti skont din id-Deċiżjoni li jkunu ġew miżapproprjati;

(b) li jiggarantixxu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jipprevedu miżuri speċifiċi biex jipprevjenu u jikkumbattu l-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra li taffettwa l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[6], ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96[7] u r-Regolament (UE, Euratom)

---

5 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1046/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.07.2018, p. 1).

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] kif ukoll, għal dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa rigward l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[9]; b'mod partikolari, għal dan il-għan, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) għandu jkun espressament awtorizzat li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż b'mod partikolari kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post inklużi operazzjonijiet forensiċi diġitali u intervisti; li espressament jawtorizzaw lill-Kummissjoni, jew lir-rappreżentanti tagħha biex iwettqu kontrolli, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post;

(c) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri biex jagħmlu awditjar matul u wara l-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż awditjar ta' dokumenti u awditjar fuq il-post, bħal pereżempju valutazzjonijiet operazzjonali;

(d) li jiżguraw li l-Unjoni tkun intitolata għal ħlas lura bikri tas-self u/jew għal ħlas lura sħiħ tal-għotja meta jkun stabbilit li, fir-rigward tal-ġestjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Moldova tkun ħadet sehem f'xi att ta' frodi jew ta' korruzzjoni jew f'xi attività illegali oħra li tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(e) Li jiżguraw li l-kostijiet kollha mġarrba mill-Unjoni relatati mal-assistenza finanzjarja għandhom jitħallsu mill-Moldova.

4. Qabel l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, permezz ta' valutazzjoni operazzjonali, is-soliditá tal-arranġamenti finanzjarji tat-Tuneżija, il-proċeduri amministrattivi, u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għall-assistenza.

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 8

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' dik l-implimentazzjoni. Ir-rapport għandu:

(a) jeżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni;

(b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-Moldova, kif ukoll il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika msemmija fl-Artikolu 3(1);

---

[8] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[9] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

(c) jindika r-rabta bejn il-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika stipulati fil-Memorandum ta' Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali attwali tal-Moldova u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-ħlasijiet parzjali tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jiskadi l-perjodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni tibgħat rapport ta' evalwazzjoni ex post lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tal-assistenza makrofinanzjarja kompleta tal-Unjoni u sa liema punt din ikkontribwiet għall-għanijiet tal-assistenza.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwardja:

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1.4.3. Riżultat(i) u impatti mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandhom jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil, inkluża skeda ta' żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fil-passat

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju tal-proposta/inizjattiva

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati:

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi iżjed assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB [10]

Qasam ta' politika: L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Attività: Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

X Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[11]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. L-objettiv(i) strateġika/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

"Spinta ġdida għall-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment: il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE"

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku Nru

"Il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE"

Attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/ikkonċernati

L-attivitajiet marbuta mad-DĠ ECFIN jappartjenu għal:

(a) L-appoġġ tal-istabbiltà makroekonomika u l-promozzjoni tar-riformi favur it-tkabbir barra mill-UE, inkluż permezz ta' djalogi ekonomiċi regolari mas-sħab ewlenin u bl-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja; kif ukoll

(b) L-appoġġ tal-proċess ta' tkabbir u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-viċinat u tat-tkabbir tal-UE u prijoritajiet oħra tal-UE ma' sieħba permezz ta' analiżi ekonomika u l-għoti ta' valutazzjonijiet tal-politika u pariri.

1.4.3. Riżultat(i) u impatti mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jeħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

- Tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament esterni tal-Moldova fil-kuntest ta' deterjorament sinifikanti tal-kontijiet esterni tagħhom li rriżulta mill-pandemija attwali ta' COVID-19.

[10] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[11] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Ittaffi l-ħtiġijiet ta’ finanzjament baġitarju tal-pajjiż benefiċjarju.
- Tappoġġa l-isforz ta' konsolidazzjoni fiskali u l-istabbilizzazzjoni esterna fil-kuntest tal-programm tal-FMI.
- Tappoġġa l-isforzi ta' riforma strutturali mmirati biex itejbu l-ġestjoni makroekonomika globali, isaħħu l-governanza u t-trasparenza ekonomika, u jtejbu l-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-awtoritajiet tal-Moldova se jkunu mitluba jirrappurtaw lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar sett ta’ indikaturi ekonomiċi kif ukoll jipprovdu rapport komprensiv dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet miftiehma ta' politika, qabel ma jiġu żborżati l-pagamenti tal-assistenza.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jkomplu jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi fil-Moldova, li twasslet f’Ġunju 2020. Id-Delegazzjoni tal-UE fil-pajjiżi sieħba sejra tipprovdi wkoll rapportar regolari dwar kwistjonijiet li huma relevanti għall-monitoraġġ tal-assistenza. Is-servizzi tal-Kummissjoni sejrin jibqgħu f’kuntatt mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji sabiex jibbenefikaw mill-għarfien tagħhom li jiksbu mill-attivitajiet fis-seħħ tagħhom fil-pajjiż sieħba.

Fid-deċiżjoni leġiżlattiva proposta huwa previst rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jkun fih valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-operazzjoni. Evalwazzjoni indipendenti ex post dwar l-assistenza se titwettaq fi żmien sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta’ implimentazzjoni.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandhom jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil, inkluża skeda ta’ żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-iżborż tal-assistenza jiddependi fuq it-twettiq tal-prekundizzjonijiet politiċi u rekord sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-programm ekonomiku bejn il-Moldova u l-FMI, li ġie approvat mill-Bord fl-[20 ta’ Diċembru 2021], wara l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet Moldovani ta’ għadd ta’ azzjonijiet preċedenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha taqbel mal-awtoritajiet tal-Moldova fuq kundizzjonijiet speċifiċi ta’ politika, elenkati fil-Memorandum ta’ Qbil.

L-assistenza hija ppjanata li tiġi żborżjata fi tliet pagamenti. L-iżborż tal-ewwel pagament huwa mistenni li jsir lejn nofs l-2022. It-tieni pagament jista’ jiġi żborżat kmieni fl-2023 filwaqt li t-tielet porzjon jista’ jsegwi aktar tard dik is-sena jew fl-ewwel nofs tal-2024 dment li l-miżuri ta’ politika marbuta ma’ kull pagament ikunu ġew implimentati fil-waqt.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta’ dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

L-istrument tal-għajnuna makro-finanzjarja huwa strument ibbażat fuq il-politika li għandu l-għan li jtaffi l-ħtiġijiet finanzjarji esterni fuq terminu qasir u medju. Fil-

kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa, l-MFA se tgħin biex tipprovdi spazju ta' politika ekonomika għall-awtoritajiet biex jimmuntaw rispons ekonomiku effettiv għall-pandemija li għadha għaddejja Billi tgħin lis-sieħeb jegħleb id-diffikultajiet ekonomiċi amplifikati mill-pandemija tal-COVID-19, l-MFA proposta se tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-istabbiltà makroekonomika u politika fis-sħab. L-MFA se tikkumplimenta r-riżorsi magħmula disponibbli mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, id-donaturi bilaterali u istituzzjonijiet finanzjarji oħra tal-UE. B'hekk, se tikkontribwixxi għall-effettività ġenerali tal-appoġġ finanzjarju pprovdut mill-komunità internazzjonali, kif ukoll ta' assistenza finanzjarja oħra tal-UE, inklużi operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju.

Barra minn hekk, billi jipprovdi finanzjament fit-tul f'termini konċessjonali ħafna, normalment inqas mill-bqija tad-donaturi internazzjonali jew bilaterali, il-programm tal-MFA huwa mistenni li jgħin lill-gvern jesegwixxi l-baġit tiegħu mingħajr devjazzjonijiet fiskali u jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tad-dejn.

Minbarra l-impatt finanzjarju tal-MFA, il-programm propost se jsaħħaħ l-impenn ta' riforma tal-gvernijiet u l-aspirazzjoni tagħhom lejn relazzjonijiet eqreb mal-UE, kif rifless fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li daħal fis-seħħ fl-2016. Dan ir-riżultat se jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta' kundizzjonalità xierqa għall-iżborż tal-assistenza. F'kuntest akbar, il-programm se juri li l-UE lesta tappoġġa pajjiżi sieħba fil-viċinat tal-Lvant, inkluża l-Moldova, f'mumenti ta' diffikultajiet ekonomiċi.

1.5.3. Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fil-passat

L-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja f'pajjiżi sieħba huma soġġetti għal evalwazzjoni ex post. L-evalwazzjonijiet li saru s'issa (dwar il-programmi tal-MFA kompletati), jikkonkludu li l-operazzjonijet tal-MFA tabilħaqq jikkontribwixxu, għalkemm xi drabi jagħmlu dan modestament u indirettament, għat-titjib tas-sostenibbiltà esterna, għall-istabbilità makroekonomika u biex jitwettqu riformi strutturali fil-pajjiż sieħeb. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-operazzjonijiet tal-MFA kellhom effett pożittiv fuq il-bilanċ tal-pagamenti tal-pajjiż sieħeb u kkontribwew biex jonqsu l-pressjonijiet baġitarji. Dawn wasslu wkoll biex ikun hemm tkabbir ekonomiku kemxejn ogħla.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

Kompatibilità mal-Qafas Finanzjarju Multiannwali

Fil-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, il-forniment ta' self tal-MFA se jkun kopert mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna fl-Ewropa Globali (l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali). Il-kapaċità ta' self (indikattiva) prevista għall-MFA hija biżżejjed biex tkopri din l-operazzjoni kif ukoll operazzjonijiet oħra tal-MFA li qed jiġu implimentati.

Sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

L-UE hija fost id-donaturi ewlenin tal-Moldova u tappoġġja r-riformi istituzzjonali, strutturali u ekonomiċi kif ukoll lis-soċjetà ċivili tagħha. L-appoġġ finanzjarju tal-UE lill-Moldova matul l-2014-2020 ammonta għal EUR 518,15 miljun (il-Programm Indikattiv Pluriennali (MIP) 2021-2027, li qed jitħejja). F'dan il-kuntest, dan il-programm ta' MFA jikkumplimenta azzjonijiet jew strumenti esterni oħra tal-UE li jintużaw biex jingħata appoġġ lill-Moldova. Huwa allinjat ukoll mal-istrument il-ġdid Ewropa Globali (l-Istrument tal-Viċinat, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni

Internazzjonali) u l-istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA-III) għall-2021-2027.

Il-valur miżjud ewlieni tal-MFA, meta mqabbel ma' strumenti oħrajn tal-UE, huwa li jgħin biex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi jiġi promoss bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali li qed javvanzaw. L-MFA ma tipprovdix appoġġ finanzjarju regolari u trid titwaqqaf hekk kif is-sitwazzjoni finanzjarja esterna tas-sieħeb tkun reġgħet qabdet perkors sostenibbli.

L-MFA tkun ukoll kumplimentari għall-interventi previsti mill-komunità internazzjonali, b'mod partikolari għall-programm ta' aġġustament u riforma appoġġjat mill-FMI u mill-Bank Dinji.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Bl-użu ta' self, din l-operazzjoni tal-MFA żżid l-effikaċja tal-baġit tal-UE permezz tal-effett ta' ingranaġġ u tipprovdi l-aktar opzjoni kosteffiċjenti.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi mis-swieq kapitali kemm f'isem l-Unjoni Ewropea kif ukoll f'isem il-Euratom billi tuża l-garanzija tal-baġit tal-UE. L-għan huwa li jinkisbu fondi mis-suq bl-aħjar rati disponibbli minħabba l-istatus ta' kreditu tal-ogħla livell (klassifikat AAA minn Fitch, Moody' s u DBRS, AA minn S&P, kollha bi prospettiva stabbli) tal-UE/Euratom u mbagħad issellifhom lil mutwatarji eliġibbli fil-kuntest ta' self taħt l-EFSM, BtP, MFA u lill-proġetti tal-Euratom. It-teħid u għoti b'self jitwettqu b'operazzjoni spalla ma' spalla u dak jiżgura li l-baġit tal-UE ma jieħu l-ebda riskju marbut mar-rata tal-imgħax jew tal-kambju. Il-mira li jinkisbu fondi bl-aħjar rati disponibbli għal attivitajiet ta' għoti u teħid b'self inkisbu minħabba li dawk ir-rati huma konformi ma' ta' istituzzjonijiet pari (BEI, EFSM, u MES).

1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju tal-proposta/inizjattiva

X durata limitata

– ☐ fis-seħħ mill-2022 sal-2024

– ☐ Impatt finanzjarju mill-2022 sal-2024 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2022 sal-2025 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐durata mhux limitata

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni ppjanat(i)[12]

X Ġestjoni diretta min-naħa tal-Kummissjoni

– **X** mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma inkarigati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lil persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat aktar minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[12] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali u bl-għajnuna tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-assistenza hija ta' natura makroekonomika u hija mfassla b'mod li tkun konsistenti mal-programm appoġġjat mill-FMI. Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni se jseħħ fuq il-bażi tal-progress fl-implimentazzjoni tal-arranġament tal-FMI u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' riforma speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mas-sieħba fil-Memorandum ta' Qbil bi frekwenza li hija konsistenti ma' numru ta' pagamenti (Ara wkoll il-punt 1.4.4).

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali u bl-għajnuna tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

L-iżborżi tal-MFA huma dipendenti fuq rieżamijiet b'suċċess, u marbuta mat-twettiq tal-kondizzjonalità marbuta ma' kull operazzjoni. L-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet hija mmonitorjata mill-qrib mill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Riskji identifikati

Hemm riskji fiduċjarji, politiċi kif ukoll ta' politika marbutin mal-operazzjonijiet tal-MFA proposta.

Hemm ir-riskju li l-assistenza makrofinanzjarja tista' tintuża b'mod qarrieqi. Peress li l-MFA mhijiex imfassla għal infiq speċifiku (għall-kuntrarju tal-finanzjament ta' proġett, pereżempju), dan ir-riskju huwa relatat ma' fatturi bħalma huma l-kwalità ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni fil-Bank Ċentrali u l-Ministeru tal-Finanzi tas-sieħeb, il-proċeduri amministrattivi, il-funzjonijiet ta' kontroll u sorveljanza, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT u l-adegwatezza tal-kapaċitajiet tal-awditjar intern u estern.

Riskju ieħor ġej mill-possibbiltà li s-sieħeb jonqos milli jonora l-obbligazzjonijiet finanzjarji lejn l-UE li jirriżultaw mis-self tal-MFA proposta (riskju ta' inadempjenza jew ta' kreditu), riskju li jista' jkun ikkawżat, pereżempju, minn deterjorament addizzjonali sinifikanti tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-pożizzjoni fiskali tas-sieħeb.

Sistemi ta' kontroll intern

L-assistenza makrofinanzjarja se tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif prevista fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

Ex-ante: Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-sistema tal-ġestjoni u tal-kontroll fil-pajjiż benefiċjarju. Għal kull pajjiż benefiċjarju ssir valutazzjoni operazzjonali ex-ante taċ-ċirkwiti finanzjarji u tal-ambjent tal-kontroll mill-Kummissjoni, jekk ikun meħtieġ, bl-appoġġ tekniku ta' konsulenti. Jitwettqu analiżi tal-proċeduri tal-kontabbiltà, tas-segregazzjoni tad-dmirijiet u tal-awditjar intern/estern tal-bank Ċentrali u tal-Ministeru tal-Finanzi sabiex jiġi żgurat livell raġonevoli ta' żgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Jekk jiġu identifikati dgħufijiet, dawn jinqalbu f'kundizzjonijiet, li jkunu jridu jiġu implimentati qabel l-iżborż tal-assistenza. Barra minn hekk, meta jkun meħtieġ, jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-pagamenti (pereż. kontijiet delimitati).

Matul l-implimentazzjoni: Il-kontrolli mill-Kummissjoni tad-dikjarazzjonijiet perjodiċi tas-sieħeb. Il-pagament huwa soġġett għal (1) monitoraġġ mill-persunal tad-DĠ ECFIN, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjonijiet tal-UE u mal-partijiet konċernati esterni, bħall-FMI, tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalitajiet miftiehma, u (2) il-proċedura normali ta' kontroll prevista miċ-ċirkuwitu finanzjarju (mudell 2) użata fid-DĠ ECFIN, inkluża l-verifika mill-unità finanzjarja tas-sodisfar tal-kundizzjonijiet marbuta mal-iżborż tal-assistenza msemmija hawn fuq. L-iżborż relatat ma' operazzjonijiet tal-MFA jista' jkun soġġett għal verifiki ex post addizzjonali u indipendenti (dokumentarji u/jew fuq il-post) minn uffiċjali tat-tim ta' kontroll ex post tad-DĠ. Tali verifiki jistgħu wkoll jinbdew fuq talba tal-AOSD responsabbli. Interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti, korrezzjonijiet finanzjarji (implimentati mill-Kummissjoni) u rkupri jistgħu jitwettqu fejn meħtieġ (dan għadu ma seħħ qatt s'issa), u huma previsti b'mod espliċitu fil-ftehimiet ta' finanzjament mas-sħab.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

Is-sistemi tal-kontroll fis-seħħ, bħall-valutazzjonijiet operazzjonali ex-ante jew il-valutazzjonijiet ex-post, żguraw rata effettiva ta' żball għall-pagamenti tal-MFA ta' 0 %. Ma hemmx każijiet magħrufa ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali. L-operazzjonijiet tal-MFA għandhom loġika ċara ta' intervent, waħda li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt tagħhom. Il-kontrolli jippermettu l-konferma tal-iżgurar u tal-kisba tal-objettivi u tal-prijoritajiet tal-politika.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Sabiex jittaffew ir-riskji tal-użu frodulenti ttieħdu u se jittieħdu diversi miżuri:

L-ewwel nett, il-Ftehim ta' Self se jikkonsisti f'għadd ta' dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni, il-prevenzjoni tal-frodi, l-awditjar, u l-irkupru ta' fondi f'każ ta' frodi jew ta' korruzzjoni. Hu maħsub ukoll li mal-assistenza jintrabtu għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika, l-aktar fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, bl-għan li jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà. Barra minn hekk, l-assistenza se titħallas f'kont speċifiku fil-Bank Ċentrali tas-sieħeb.

Barra minn hekk, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju, is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu Valutazzjoni Operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u amministrattivi tal-Moldova biex jiżguraw li l-proċeduri stabbiliti għall-ġestjoni tal-programm, inkluża l-MFA, jipprovdu garanziji adegwati. Il-valutazzjoni twettqet fl-

2020 u tkopri oqsma bħalma huma t-tħejjija u l-eżekuzzjoni tal-baġit, il-kontroll finanzjarju pubbliku intern, l-awditjar intern u estern, l-akkwist pubbliku, il-ġestjoni tal-flus u d-dejn pubbliċi, kif ukoll l-indipendenza tal-bank ċentrali. L-iżviluppi f'dan il-qasam se jkomplu jiġu mmonitorjati aktar mill-qrib mid-Delegazzjoni fis-sieħeb rispettiv. Il-Kummissjoni qed tuża wkoll assistenza baġitarja biex tgħin lis-sieħba rispettivi jtejbu s-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħhom, u dawn l-isforzi qed jiġu appoġġjati ħafna minn donaturi oħrajn.

Fl-aħħar nett, l-assistenza se tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati:

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Titolu tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff[13].	mill-pajjiżi tal-EFTA[14]	mill-pajjiżi kandidati[15]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	14.02.01.70.06 [Self tal-MFA - EAG]	Diff.	LE	LE	LE	LE
	14.20.03.01 [Għotjiet MFA]	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba - Mhux applikabbli

[13] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[14] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[15] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidat potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– **X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:**

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Titolu tal-qafas finanzjarju pluriennali	6	**Titlu 6 - "Il-Viċinat u d-Dinja"**

DĠ: ECFIN			Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	**AMMONT TOTALI**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali								
Linja baġitarja[16]	Impenji	(1a)		10,8				**10,8**
14.02.01.70.06 [Self tal-MFA - EAG]	Pagamenti	(2a)		10,8				**10,8**
Linja baġitarja	Impenji	(1b)		30				**30**
14.20.03.01 [Għotjiet MFA]	Pagamenti	(2b)		20	10			**30**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[17]								
Linja baġitarja 14.20.03.01		(3)					0,15	**0,15**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ ECFIN	Impenji	=1a+1b +3		40,8			0,15	**40,95**
	Pagamenti	=2a+2b		30,8	10		0,15	**40,95**

16 Skont in-nomenklatura uffiċjali tal-baġit.

17 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

		+3						

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)		40,8				**40,8**
	Pagamenti	(5)		30,8	10			**40,8**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)					0,15	**0,15**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6		40,8			0,15	**40,95**
	Pagamenti	=5+ 6		30,8	10		0,15	**40,95**

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq: (miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali))

Titolu tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	**Intestatura 7 - "Amministrazzjoni pubblika Ewropea"**

Din it-taqsima jenħtieġ li timtela bl-użu tad-"*data* bażi tan-natura amministrattiva" li l-ewwel trid tiddaħħal fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fuq DECIDE għal finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

DĠ: ECFIN			Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	**AMMONT TOTALI**
Riżorsi umani			0,034	0,044	0,022	0,011	0,011	**0,122**
Nefqa amministrattiva oħra				0,020	0,010			**0,030**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Approprjazzjonijiet		0,034	0,064	0,032	0,011	0,011	**0,152**
	(Impenji totali = Pagamenti totali)		0,034	0,064	0,032	0,011	0,011	**0,152**

			Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	**AMMONT TOTALI**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0,034	30,864	10,032	0,011	0,161	**41,102**
	Pagamenti	=5+ 6	0,034	30,864	10,032	0,011	0,161	**41,102**

(Ammont ta' referenza)								

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq sa tliet punti deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ⇩		Sena **2021**		Sena **2022**		Sena **2023**		Sena **2024**		Sena **2025**		**AMMONT TOTALI**	
	Tip[18]	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 1[19]													
- Output 1	Żborżi tal-għotja			1	20	2	10					3	30
- Output 2	Proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna			3	10,8							3	10,8
- Output 3	Evalwazzjoni ex-post									1	0,15	1	0,15
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1		-	-	1	20	5	10	-	-	1	0,15	7	30,15
KOST TOTALI		-	-	1	30,8	5	10	-	-	1	0,15	7	40,95

[18] L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[19] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku(ċi)..."

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

– **X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:**

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	**AMMONT TOTALI**
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani	0,033	0,069	0,041	0,003	0,025	**0,171**
Nefqa amministrattiva oħra		0,020	0,010			**0,030**
Subtotal INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,033	0,089	0,051	0,003	0,025	**0,201**

Barra mill-INTESTATURA 7[20] tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani						
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva						
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali						

AMMONT TOTALI	0,033	0,089	0,051	0,003	0,025	**0,201**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati minn approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ.

[20] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– **X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:**

Stima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għall-full time

		Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**
	•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)					
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		0,100	0,250	0,150	0,010	0,100
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)						
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)						
01 01 01 11 (Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
	• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE)[21]					
20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")		0,200	0,350	0.200	0.010	0,100
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)						
XX 01 xx **yy zz** [22]	- fil-Kwartieri Ġenerali					
	- fid-Delegazzjonijiet					
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)						
01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
AMMONT TOTALI		**0,300**	**0,600**	**0,350**	**0,020**	**0,200**

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani mitluba għandhom jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk inhu meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jimmaniġġja skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Direttur Dir. D: Jissorvelja u jimmaniġġja l-operazzjoni, jikkoordina mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ), jinnegozja l-MtQ mal-awtoritajiet tal-Moldova, janalizza r-rapporti, imexxi missjonijiet u jivvaluta l-progress fil-konformità mal-kundizzjonalità. Kap tal-Unità/DKap tal-Unità Dir. D: Jassisti lid-Direttur fil-superviżjoni u l-immaniġjar tal-operat, jikkoordina mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni ta' MtQ, jinnegozja mal-awtoritajiet Moldovjani, l-MtQ u l-Ftehim għall-Faċilità ta' Self (flimkien mad-DĠ BAĠIT), janalizza r-rapporti u jivvaluta l-progress bil-konformità kundizzjonali. DĠ BAĠIT (Unitajiet E1, E3 taħt is-superviżjoni tad-Direttur): Jipprepara l-Ftehim dwar Faċilità ta' Self (LFA), jinnegozjah mal-awtoritajiet tal-Moldova u jieħu ħsieb li jiġi approvat mis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni u ffirmat miż-żewġ partijiet. Isegwi d-dħul fis-seħħ tal-LFA. Iħejji d-deċiżjoni(jiet) tal-Kummissjoni dwar it-tranżazzjoni(jiet) ta' self, isegwi l-preżentazzjoni tat-Talba/iet għal Fondi, jagħżel il-

[21] AC = Aġent Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

[22] Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

	banek, iħejji u jeżegwixxi t-tranżazzjoni(jiet) ta' finanzjament u jiżborża l-fondi lill-Moldova. Iwettaq attivitajiet ta' back-office biex isegwi r-rimborż tas-self. Iħejji rapporti korrispondenti dwar dawn l-attivitajiet.
Persunal estern	Ekonomisti, Settur MFA (Dir. D): Iħejji d-deċiżjoni u l-MtQ, jikkoordina mal-awtoritajiet u l-IFIs, iwettaq missjonijiet ta' analiżi, jipprepara rapporti tal-persunal tal-Kummissjoni u proċeduri tal-Kummissjoni marbuta mal-maniġment tal-assistenza, jikkoordina ma' esperti esterni tal-valutazzjoni operazzjonali u l-evalwazzjoni ex post.

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/l-inizjattiva:

– **X tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).**

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

– **X ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi**

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– **X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.**